MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 242/2002/1

**Joseph u Pauline konjugi Abela**
**vs**

**Mario u Maria Louise sive Marisa konjugi Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00) u fejn intqal:**
**Illi l-konvenuti kienu bieghu proprjeta` lil Carmen Xuereb permezz ta' kuntratt ta' l-24 ta' Novembru, 2000, liema kuntratt sar quddiem in-Nutar Tonio Spiteri;**
**Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00) jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata, rapprezentanti senserija u servizzi rezi mill-atturi fuq l-istess kuntratt pubbliku ta' bejgh fuq imsemmi;**

**Illi fil-fatt il-komprattrici fuq dak l-istess kuntratt ossija Carmen Xuereb, hallset is-sehem taghha pero` l-konvenuti vendituri fuq l-istess bejgh naqsu milli jaghmlu dan minkejja li kienu diversi drabi nterpellati;**
**Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u dik ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru, 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-24 ta' Novembru, 2000 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' l-attur Joseph Abela li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuti jallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00) bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Novembru, 2000 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**